



EBA/GL/2015/21

19.05.2016

Linji gwida dwar il-kriterji minimi li jridu jiġu ssodisfati minn pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju



1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 19.07.2016. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jittqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2015/21'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).



Titolu I – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Suġġett

Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-kriterji minimi li jrid jissodisfa pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għal approvazzjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 52(7) tad-Direttiva 2014/59/UE.

2. Destinatarji

Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti.

3. Definizzjonijiet

- 3.1 'Każ bażi' għandu t-tifsira stabbilita fl-[Artikolu 1(4) ta' EBA/RTS/2015/12].
- 3.2 'Perjodu ta' riorganizzazzjoni' għandu t-tifsira stabbilita fl-[Artikolu 1(3) ta' EBA/RTS/2015/12].
- 3.3 'Pjan ta' ristrutturar' ifisser pjan sottomess mill-istituzzjoni jew mill-entità fir-rigward tal-forniment ta' għajnuna mill-Istat b'konformità mal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE.

Titolu II – Speċifikazzjoni tal-kriterji minimi għall-valutazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju

Għall-finijiet tal-approvazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju skont l-Artikolu 52(7), l-awtorità ta' riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti għandhom jivvalutaw il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju mill-inqas abbażi tal-kriterji minimi stabbiliti fil-paragrafi (2) sa (5) ta' dan it-Titolu II.

1. Sensibilizzazzjoni u impenn

Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu juri li l-korp maniġerjali jew il-persuna jew persuni maħtura b'konformità mal-Artikolu 72(1) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE:

1. jappoġġjaw il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u jimpenjaw ruħhom li jimplimentawh;
2. ikunu ħatru dipartiment wieħed jew aktar responsabbli mit-tweqqif tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u jkunu identifikaw l-individwu/i assenjat(i) fi rwol(i) maniġerjali fi grad għoli fi ħdan tali dipartiment(i).
3. fittxew il-kooperazzjoni u l-appoġġ tal-partijiet interessati esterni ewlenin għall-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, bħal:



- 3.1. il-Bord tad-Diretturi u l-kumitat eżekuttiv tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, li fl-aħħar mill-aħħar għandhom ikunu responsabbli għall-istrateġija ta' riorganizzazzjoni;
- 3.2. l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni barra l-UE, li jistgħu jkunu responsabbli għal partijiet minn dik l-istituzzjoni jew l-entità.

2. Kredibiltà

- 2.1 Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu juri b'livell għoli ta' kunfidenza li l-applikazzjoni tiegħu ser treggħa' lura l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE. Tali dimostrazzjoni għandha tistrieħ fuq suppożizzjonijiet kredibbli, analiżi bbażata fuq ix-xenarju u indikaturi tal-prestazzjoni xierqa u konkreti li jaqbd u l-prestazzjoni tal-grupp sħiħ, l-entitajiet u l-linji tan-negozju li ma għandhomx jiġu stralċjati jew mibjugħa.
- 2.2 Kwalunkwe suppożizzjonijiet u indikaturi tal-prestazzjoni għandhom jitqabblu ma' benchmarks xierqa fis-settur kollu u għandhom ikunu konformi mal-previżjonijiet makro-ekonomiċi disponibbli.
- 2.3 Meta l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jstabilixxi deskrizzjoni ta' kif l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE ser tkun tista' tipprovi redditu finanzjarju aċċettabbli, tali redditu għandu jiġi vvalutat billi jitqabbel mal-istituzzjonijiet jew l-entitajiet pari rilevanti u mad-dejta storika.
- 2.4 Ir-riskji meħuda f'kunsiderazzjoni mill-analiżi tal-vijabbiltà fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandhom ikunu konsistenti mar-riskji usa' u speċifiċi għall-istituzzjoni identifikati mill-awtorità kompetenti, mill-bank ċentrali jew minn awtorità jew istituzzjoni rilevanti oħra fis-swieq rilevanti.
- 2.5 L-aġħar xenarju possibbli għandu jirrifletti bidla sinifikanti għalkemm plawżibbli fis-suppożizzjonijiet sottostanti meta mqabbel max-xenarju tal-każ bażi. Dawn il-bidliet għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq is-suppożizzjonijiet li huma aktar rilevanti għall-istituzzjoni taħt ir-riorganizzazzjoni.
- 2.6 It-treġġigħ lura tal-vijabbiltà fit-tul, anki taħt l-aġħar xenarju possibbli, ma għandux jinvolvi applikazzjoni ulterjuri tal-ġhodod ta' riżoluzzjoni 'lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni li kienet qiegħda tiġi implimentata f'dak iż-żmien meta tfassal il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tiżgura wkoll li r-riorganizzazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità ma twassal għal ebda impediment materjali għar-riżolvibilità. Jekk jiġu identifikati impedimenti materjali bħal dawn, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tinnotifika lill-istituzzjoni jew lill-entità msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 52(8)



tad-Direttiva 2014/59/UE u tiddekrivi l-azzjonijiet rilevanti għal kif jistgħu jiġu indirizzati dawk l-impedimenti.

- 2.7 Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu juri li l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE tista' tissodisfa l-proċess intern ta' valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali tagħha b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2013/36/EU.²
- 2.8 Sabiex jiġi ddeterminat jekk huwiex raġonevolment probabbli li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jreġġa' lura l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, iż-żewġ awtoritajiet għandhom jivvalutaw il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju bl-użu tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-metodoloġija u l-qafas ta' analiżi tal-mudell tan-negozju, kif ipprovdut fil-linji gwida tal-EBA dwar il-metodoloġiji u l-proċeduri komuni għall-proċess superviżorju ta' rieżami u evalwazzjoni (supervisory review and evaluation proċess - SREP)³. F'dan ir-rigward, l-awtorità ta' riżoluzzjoni ma għandhiex tkun mistennija li tuża dawn il-linji gwida tal-EBA 'lil hinn minn dak li jista' jiġi preżunt mill-esperjenza u l-kompetenza tagħha.

3. L-adegwatezza tal-miżuri u tal-istrategġija ta' riorganizzazzjoni

- 3.1 L-informazzjoni pprovduta fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u s-suppożizzjonijiet sottostanti tiegħu rigward il-kawżi li wasslu għar-riżoluzzjoni u l-istrategġija ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu konsistenti mal-valutazzjoni mwettqa mill-awtorità ta' riżoluzzjoni u mill-awtorità kompetenti u mal-evalwazzjoni li ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni ġewx issodisfati b'konformità mal-Artikolu 36(4)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE.
- 3.2 Kwalunkwe analiżi tal-ambjent operattiv estern inkluża fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandha tkun konsistenti mal-analiżi tal-opportunitajiet u tat-theddidiet fis-swieq rilevanti, kif stabbilit mill-awtorità ta' riżoluzzjoni u mill-awtorità kompetenti meta wettqu l-kompiti tagħhom.
- 3.3 Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jkun fattibbli u realistiku. B'mod partikolari:
- 3.3.1 kwalunkwe miżuri interni u ta' governanza għandhom jitwettqu wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-impedimenti potenzjali għall-implimentazzjoni, bħal-liġi dwar ix-xogħol jew rekwiżiti kuntrattwali oħrajn;
- 3.3.2 l-istrategġija ta' riorganizzazzjoni, il-miżuri, il-kisbiet ewlenin u l-indikaturi tal-prestazzjoni inklużi fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandhom jieħdu

² Direttiva 2013/36/UE, ĠU L 176, 27.6.2013, p.338.

³ EBA/GL/2014/13, 19 ta' Diċembru 2014.



f'kunsiderazzjoni l-interdipendenzi bejn l-entitajiet legali u l-linji tan-negozju fil-grupp. Dawn jistgħu jinkludu interdipendenzi kummerċjali, ta' finanzjament u operazzjonali;

- 3.3.3 l-istrateġija ta' riorganizzazzjoni, il-miżuri individwali, il-kisbiet ewlenin u l-indikaturi tal-prestazzjoni inklużi fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni fis-swieq rilevanti;
 - 3.3.4 kwalunkwe żvestiment tal-assi, tal-entitajiet jew tal-linji tan-negozju previst mill-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jitfassal skont is-sitwazzjoni fis-swieq rilevanti. L-għażla taż-żmien u l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali żvestimenti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll l-interess u l-possibbiltà tal-investituri li jakkwistawhom;
 - 3.3.5 il-benchmark jew l-istima użata għall-kalkolazzjoni ta' kwalunkwe rikavati mistennija mill-iżvestiment tal-assi, tal-entitajiet jew tal-linji tan-negozju previst mill-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandha tkun prudenti, affidabbli u realistika.
- 3.4 Il-perjodu ta' riorganizzazzjoni għandu jkun kemm jista' jkun qasir, filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni:
- 3.4.1 il-ħtieġa li jingħata żmien biżżejjed sabiex il-miżuri u l-istrateġija ta' riorganizzazzjoni jiġu implimentati bl-aktar mod effettiv, sabiex titreggħa' lura l-vijabbiltà fit-tul;
 - 3.4.2 l-istandards u l-prattika fis-swieq rilevanti;
 - 3.4.3 il-ħtieġa li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja.

4. Konsistenza

- 4.1 Il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju għandu jkun konsistenti ma' kwalunkwe pjanijiet ta' negozju li tnejjem mill-istituzzjoni jew mill-entità u sottomessi lil kwalunkwe awtorità oħra (eż. l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jew tat-titoli u s-swieq) skont l-obbligi legali jew regolatorji.
- 4.2 Fejn ikun applikabbli l-qafas tal-Unjoni għall-għajnuna mill-Istat, l-awtorità tar-risoluzzjoni u l-awtorità kompetenti, meta jivvalutaw il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni Ewropea fuq l-analiżi tal-vijabbiltà u l-valutazzjoni, li hija għan kemm tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju kif ukoll tal-pjan ta' ristrutturar.
- 4.3 Fejn il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju jkun jinkludi miżuri li diġà huma preżenti fl-aħħar verżjonijiet tal-pjanijiet ta' risoluzzjoni jew ta' rkupru mħejjija qabel għall-istituzzjoni jew għall-entità msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, dawn għandhom ikunu limitati għall-elementi li jibqgħu rilevanti wara l-falliment u r-risoluzzjoni ta' dik l-istituzzjoni jew l-entità u s-sitwazzjoni fis-swieq rilevanti.



- 4.4 L-istrategġja ta' riorganizzazzjoni ma għandhiex iddgħajjef l-għanijiet u l-prinċipji tar-riżoluzzjoni stipulati fl-Artikoli 31 u 34 tad-Direttiva 2014/59/UE, kif applikati mill-awtorità tar-riżoluzzjoni. L-awtorità tar-riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti għandhom jissodisfaw lilhom infushom li l-implimentazzjoni tal-istrategġja ta' riorganizzazzjoni u l-miżuri ma jaffettwawx b'mod negattiv il-funzjonijiet kritiċi tal-istituzzjoni jew tal-entità msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-funzjonament tas-sistema finanzjarja u l-istabbiltà finanzjarja globali.

5. Monitoraġġ u verifika

- 5.1 Kwalunkwe kisbiet ewlenin u indikaturi tal-prestazzjoni inklużi fil-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negożju għandhom ikunu konkreti biżżejjed sabiex jippermettu l-monitoraġġ tagħhom, b'konformità mal-obbligi ta' rapportar imsemmija fl-Artikolu 52(10) tad-Direttiva 2014/59/UE.
- 5.2 Il-kontenut tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negożju u r-rapport tal-progress għandhom jippermettu lill-awtorità tar-riżoluzzjoni u lill-awtorità kompetenti jikkonkludu li l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negożju huwa implimentat b'mod korrett u li ser jilħaq l-għanijiet tiegħu.
- 5.3 L-awtorità tar-riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti għandhom jiggarrantixxu arranġamenti adegwati sabiex iwettqu l-monitoraġġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-fluss f'waqtu tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negożju.
- 5.4 Meta l-awtorità tar-riżoluzzjoni jew l-awtorità kompetenti taħtar espert indipendenti biex jivverifika b'mod sħiħ jew parzjalment is-suppożizzjonijiet u l-effett tal-miżuri kkontemplati mill-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negożju, dan l-espert indipendenti għandu jilħaq standard ta' indipendenza ekwivalenti għall-kriterji għall-indipendenza speċifikati mill-Parti Ħamsa, it-Titolu I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni [XXX/XXX] li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE (Indipendenza tal-istimatori).

Titolu III – Koordinazzjoni

1. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti

- 1.1 L-awtorità tar-riżoluzzjoni u l-awtorità kompetenti għandhom jistabbilixxu arranġamenti tax-xogħol xierqa għas-sottomissjoni, għall-valutazzjoni u għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' riorganizzazzjoni tan-negożju.
- 1.2 L-iskeda ta' żmien indikattiva tal-azzjonijiet previsti għandha tipprovdi biżżejjed żmien għal kull awtorità sabiex tivvaluta l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negożju wara s-sottomissjoni tiegħu, iżda tippermetti wkoll biżżejjed żmien għal kull awtorità sabiex tesprimi kwalunkwe tħassib li jista' jkollha, teżamina t-tħassib imqajjem mill-awtorità l-



oħra u taqbel fuq l-azzjoni xierqa, billi tieħu f'kunsiderazzjoni l-iskadenzi pprovduti fl-Artikolu 52(7) sa (10) tad-Direttiva 2014/59/UE.

- 1.3 Kemm l-awtorità tar-risoluzzjoni kif ukoll l-awtorità kompetenti għandhom jikkoordinaw il-komunikazzjoni u, meta possibbli, jissottomettu tweġiba waħda konġunta lill-istituzzjoni jew lill-entità msemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE. Tali komunikazzjoni għandha tippermetti l-possibbiltà għal titjib minn dik l-istituzzjoni jew l-entità, b'konformità mal-proċedura identifikata fl-Artikolu 52(7) sa (10) tad-Direttiva 2014/59/UE.
- 1.4 L-awtorità kompetenti għandha tipprovidi l-qbil tagħha mal-approvazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju mill-awtorità tar-risoluzzjoni bil-miktub.
- 1.5 L-awtorità tar-risoluzzjoni għandha tikkondividi mal-awtorità kompetenti r-rapporti ta' progress kollha sottomessi lilha mill-korp maniġerjali jew mill-persuna jew persuni maħtura b'konformità mal-Artikolu 72(1) tad-Direttiva 2014/59/UE mingħajr dewmien bla bżonn.
- 1.6 Wara kull sottomissjoni tar-rapport ta' progress, l-awtoritajiet tar-risoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu arranġamenti tax-xogħol sabiex jikkoordinaw u jikkondividu l-valutazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom għar-rapport tal-progress. Tali arranġamenti għandhom jipprovidu żmien għal kull awtorità sabiex tivvaluta r-rapport tal-progress, iżda wkoll jippermettu biżżejjed żmien għal kull awtorità sabiex tesprimi kwalunkwe tħassib li jista' jkollha lill-awtorità l-oħra u sabiex din tal-aħħar tkun tista' teżamina dan it-tħassib u taqbel fuq l-azzjoni xierqa li trid tittieħed.
- 1.7 Meta nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ awtoritajiet ma jkunx jista' jissolva fl-iskeda ta' żmien stabbilita mill-Artikolu 52(7) tad-Direttiva 2014/59/UE, waħda mill-awtoritajiet tista' tirreferi l-kwistjoni lill-EBA sabiex din tal-aħħar tkun tista' tgħin lill-awtoritajiet jilħqu ftehim b'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament dwar l-EBA.

2. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' risoluzzjoni u bejn l-awtoritajiet kompetenti

- 2.1 Meta l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (ċ) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE taħt risoluzzjoni jkollhom attivitajiet f'aktar minn Stat Membru wieħed jew f'ġurisdizzjonijiet barra l-UE, l-awtorità tar-risoluzzjoni rilevanti, qabel tapprova l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju, iżda fl-iskeda ta' żmien xierqa għall-valutazzjoni, għandha:
 - 2.1.1 tikkomunika l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju lill-awtoritajiet tar-risoluzzjoni l-oħrajn affettwati mir-riorganizzazzjoni, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, anki jekk dawn ikunu f'ġurisdizzjonijiet barra l-UE, b'konformità mal-arranġamenti ta'



kooperazzjoni eżistenti jew mal-valutazzjonijiet eżistenti ta' ekwivalenza tal-kunfidenzjalità;

2.1.2 tikkunsidra li tikkomunika l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju lill-kulleġġ tar-riżoluzzjoni ta' dik l-istituzzjoni jew l-entità jew lill-kulleġġ tar-riżoluzzjoni Ewropew;

2.1.3 tipprovdi lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni msemmija fil-punti 2.1.1 u 2.1.2 hawn fuq bl-opportunità li jikkumentaw fuq il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u jieħdu l-kummenti tagħhom f'kunsiderazzjoni, kemm jista' jkun possibbli.

2.2 Meta l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE taħt riżoluzzjoni jkollhom attivitajiet f'aktar minn Stat Membru wieħed jew f'ġurisdizzjonijiet barra l-UE, l-awtorità kompetenti rilevanti, qabel tikkomunika l-approvazzjoni tagħha fuq il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju lill-awtorità tar-riżoluzzjoni, iżda fl-iskeda ta' żmien xierqa għall-valutazzjoni, għandha:

2.2.1 tikkomunika l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn affettwati mir-riorganizzazzjoni, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 52(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, anki jekk dawn ikunu f'ġurisdizzjonijiet barra l-UE, b'konformità mal-arranġamenti ta' kooperazzjoni eżistenti jew mal-valutazzjonijiet eżistenti ta' ekwivalenza tal-kunfidenzjalità;

2.2.2 tikkunsidra li tikkomunika l-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju lill-membri l-oħrajn tal-kulleġġ tas-superviżuri ta' dik l-istituzzjoni jew l-entità;

2.2.3 tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-punti 2.2.1 u 2.2.2 hawn fuq bl-opportunità li jikkumentaw fuq il-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju u jieħdu l-kummenti tagħhom f'kunsiderazzjoni, kemm jista' jkun possibbli.

2.3 Meta l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna tiġi applikata għal żewġ entitajiet fi grupp jew aktar fi Stati Membri differenti, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkooperaw fil-valutazzjoni u fl-approvazzjoni tal-pjan ta' riorganizzazzjoni tan-negozju.

Titolu IV – Id-data tal-applikazzjoni

5. Dawn il-linji gwida jibdwew japplikaw minn [3 xhur wara li ssir it-traduzzjoni tal-linji gwida fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE]